ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 15 IT-TNEJN 16 TA' MEJJU 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina (attenda fis-7.05pm), Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Antoine Saliba Haig, u Marvin Zammit. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ infurmana li ma setax jattendi minħabba li kien ma jiflaħx.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**15/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 14**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 14 li nżammet nhar it-Tnejn 25 ta' April 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Martina Brancaleone issekondat l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 14 ġew approvati** u ffirmati

mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**15/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**15/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li kollox miexi skont il-programm, fejn f'Jum Ħal Qormi se jittella' programm mużikol-letterarja u dramm dwar l-istatwa ta' San Ġorġ mill-Għaqda Mużikali San Ġorg Martri, u wara jkun hemm il-preżentazzjoni tal-Premjijiet Għarfien il-Ħila u Premju Ġieħ Ħal Qormi fejn ukoll se ssir l-inawgurazzjoni tar-restawr tal-Knisja ta' San Franġisk ta' Paola.

**15/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li fit-23 ta' Mejju 2015, fl-okkażjoni wkoll ta' Jum Ħal Qormi se tinfetaħ esebizzjoni ta' ritratti meħuda f'Ħal Qormi, bit-tema "Ħal Qormi ġawhra ta' tradizzjonijiet, kultura u arti". Ir-ritratti huma xogħol l-istudenti li jattendu l-kors tal-fotografija tal-Adult lifelong learning.

**15/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-sejħa tal-offerti għall-kiri tal-gabbana li tinsab fi Ġnien De La Cruz ġiet ippubblikata u tagħlaq fil-10 ta' Ġunju 2016.

**15/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill applika għall-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriża.

**15/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2016
**b)** *Bank Payments* April 2016
**c)** *Petty Cash* April 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**15/03/01** F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda **l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** li skuża ruħu talli attenda ftit tard iżda kellu impenji oħrajn.

**15/04** **MOZZJONIJIET**

**15/04/01** **MOZZJONI Nru 35/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni li ġiet iċċirkolata mal-aġenda, għad-diskussjoni:

*Il-Kunsill Lokali għandu joffri opportunitajiet biex fuq bażi lokali jgħin l-intrapraprenditorija u jwettaq inizjattivi f'dan is-sens, li jkunu ta' servizz għall-komunita lokali,*

*Peress li l-funzjoni tat-tnedija ta' swieq fil-beraħ ġodda hija fil-kompetenza tal-Kunsilli Lokali,*

*Peress li kellna talbiet mir-residenti u anke minn bejjiegha, biex ikun hemm hemm suq fil-beraħ fin-naħa ta' San Ġorġ,*

*Nipproponi biex il-Kunsill wara konsultazzjoni ma' min jista' jkun affettwat jibda l-proċess sabiex jitwaqqaf Suq il-Beraħ fil-wied għal ġurnata waħda matul il-ġimgħa, liema suq għandu jarma fuq naħa waħda tat-triq sabiex ma joħloqx ostaklu lir-residenti ta' dik l-akwata, kif ukoll in-numru għandu jkun wieħed limitat ta' mhux aktar minn 30 posta, fejn għandu joffri varjeta ta' prodotti differenti.*

**Fid-diskussjoni, il-Kunsillier Ralph Puli semma li hija proposta interessanti iżda jeħtieġ li jkun hemm aktar studju dwarha u ssir konsultazzjoni man-negozji preżenti. Il-Kunsillier Robert Cremona ssuġġerixxa li jsir Traffic Impact Assessment qabel ma jkun f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi sostna li l-Kunsill diġa għandu problemi bil-monti eżistenti u allura jħoss li jekk ħa jsir monti ieħor se jkun qed iżied problema oħra filwaqt li jemmen li għandha ssir konsultazzjoni biex jara jekk dan il-monti iriduhx in-nies. Is-Sindku Rosianne Cutajar wieġbet li hi ilha għal dawn l-aħħar snin tiġi avviċinata minn residenti u minn bejjiegħa biex jiġi introdott dan il-monti, u għaldaqstant hija ħassitha fid-dover li tressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni biex ikun hemm pożizzjoni uffiċjali tal-Kunsill dwar din il-proposta.**

**Wara li kien hemm konsensus li l-Kunsill għandu l-ewwel jagħmel studju u konsultazzjoni dwar dan il-monti, is-Sindku Rosianne Cutajar qablet li tirtira l-mozzjoni sabiex jiġi ffurmat working group immexxi mill-Kunsillier responsabbli mill-Kummerċ, Marvin Zammit, fejn kull kunsillier li huwa interessat li jifforma parti minnu għandu jinforma lill-istess Kunsillier.**

**15/04/02 MOZZJONI Nru 35/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni li ġiet iċċirkolata mal-aġenda, għad-diskussjoni:

*Il-Kunsill Lokali għandu jieħu opportunitajiet ta' fondi biex isiru proġetti fil-lokalita' li jkunu ta' investiment fl-oqsma edukattivi, kulturali u ambjentali.*

*Peress li għadha kif ġiet pubblikata sejħa għall-proposti ta' proġetti taħt ERDF Operational Programme I: Priority Axis 5 Protecting our environment - investing in natural and cultural assets ;*

*Peress li l-Kunsill jagħti importanza lill-aspett ambjentali sia dak urban kif ukoll dak rurali;*

*Nipproponi biex il-Kunsill jibda l-proċess sabiex japplika għal dawn il-fondi u jniedi proġett f'Wied il-Kbir u possibilment Wied iċ-Ċawsli bl-iskop ewlieni taż-żieda tal-attenzjoni biex titjieb l-konservazzjoni u l-ħarsien ta' dan is-sit ambjentali billi jsir studju dwar il-fauna u flora fiż-żona, jsiru pannelli informattivi bl-għajnuna teknologika, titjieb l-aċċessibilita', l-kreazzjoni ta' picnic area aċċessibbli għal kulħadd, u kreazzjoni ta' tagħmir ta' logħob għall-adulti u tfal biex jippromwovi il-post bħala attrazzjoni turistika.*

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni**

**15/04/03** F'dan l-istadju tal-laqgħa, fis-7.20pm **l-Kunsillier Josef Aquilina** skuża ruħu mill-laqgħa peress li kellu impenji oħra. Il-Kunsill approva.

**15/05 RAPPORTI**

**15/05/01 APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT GHALL-PERJODU JAN-MARZU 2016**

**Is-Sinkdu Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li sia bħala dħul kif ukoll bħala spejjeż fl-ewwel tlett xhur tas-sena il-Kunsill daħħal u nefaq anqas mill-estimi. Dan huwa dovut għall-fatt li proġetti li huma ffinanzjati minn skemi bħalma huma l-fondi li għad inridu nirċievu mill-UIF u mill-iskema EIPP għadhom ma mmaterjalizzawx ruħhom fl-ewwel tlett xhur. Il-Kunsill għandu FSI ta' 23% li huwa indikatur li l-Kunsill jinsab f'qagħda finanzjarja b'saħħitha.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-Quarterly Financial Report għall-perjodu Jannar-Marzu 2016.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstantir-Rapport Finanzjarju ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.**

**DOK 'B'**

**15/05/02 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TAS-SERVIZZ TA' KNIS**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-rapport mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni dwar s-sejħa tal-offerti għall-servizz ta' knis tat-toroq ta' Ħal Qormi.

Ir-Rapport kien jikkonkludi hekk:

**Section 1**

Wara evalwazzjoni sia teknika kif ukoll amministrattiva, il-Bord wasal f'konkluzjoni li jaghzel ir-raba' l-orhos offerta, peress:

a) l-orhos offerta giet eskluza minhabba li ma kinitx administrative compliant u lanqas technical complaint peress li hija inqas mill-ammont ta' pagi stipulati fid-dokument tal-offerti u allura huwa kuntratt b' riskju għoli ta' xoghol bil-prekarjat;
b) it-tieni l-orħos offerta hija ta' kuntrattur li skont il-Kunsill ma għandux servizz tajjeb minn esperjenza li l-Kunsill għandu

fuq l-istess kuntratt mħaddem preżentament;

c) it-tielet l-orħos offerta hija ta' kuntrattur li l-Kunsill għażel li jagħtih Section 2 ta' dan il-kuntratt. Il-Bord iddeċieda li dan il-kuntratt jagħti kull sezzjoni lill-kuntrattur differenti u mhux lill-istess kuntrattur;
d) ir-raba' l-orħos offerta hija ta' kuntrattur li l-Kunsill huwa kuntent bis-servizz mogħti minnu;
e) Jipposjedi esperjenza adegwata permezz ta' kuntratti simili mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi stess u Kunsilli Lokali oħrajn;
f) Ghandu l-makkinarju adegwat biex jaghti s-servizzi mitluba

Ghaldaqstant, il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta ta' Servizz ta' Knis (Section 1) tinghata lill-Saviour Mifsud bil-prezz ta' Eur38,885.64 fis-sena (Vat eskluz).

**Section 2**

Minn evalwazzjoni sia teknika kif ukoll amministrattiva, il-Bord wasal f'konkluzjoni li jagħzel it-tielet orħos offerta, peress:

a) l-orhos offerta giet eskluza minhabba li ma kinitx administrative compliant u lanqas technical complaint peress li hija inqas mill-ammont ta' pagi stipulati fid-dokument tal-offerti u allura huwa kuntratt b' riskju għoli ta' xoghol bil-prekarjat;
b) it-tieni l-orħos offerta hija ta' kuntrattur li skont il-Kunsill m'għandux servizz tajjeb minn esperjenza li l-Kunsill għandu fuq l-istess kuntratt mħaddem preżentament;
c) It-tielet l-orħos offerta hija administrative u technical compliant , fejn ghandu l-makkinarju u l-ħaddiema adegwati biex jaghti s-servizzi mitluba.

Ghaldaqstant, il-Bord jirrakkomanda biex l-offerta ta' Servizz ta' Knis (Section 2) tinghata lill-Progressive Solutions Ltd bil prezz ta' Eur29,529 p.a (Vat eskluz) bi prova għal sitt xhur li jista' jiġġeded kull sitt xhur sa massimu ta' tlett snin.

**DOK 'C'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-kuntratt tal-knis jingħata :**
**Section 1, lill-Saviour Mifsud bil-prezz ta' Eur38,885.64 fis-sena (Vat eskluz);**
**Section 2, lill-Progressive Solutions Ltd bil prezz ta' Eur29,529 p.a (Vat eskluz) bi prova għal sitt xhur li jista' jiġġeded kull sitt xhur sa massimu ta' tlett snin.**

**Il-Kunsillier Ralph Puli ssekonda l-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Għaxar (10) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u għaldaqstant għandu jiġi komplut il-proċess tal-aġġudikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv.**

**15/05/03 RAPPORT TAL-AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI TAL-MANUTENZJONI U ŻAMMA TAS-SINJALI TAT-TRAFFIKU**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li minkejja li kien hemm offerta waħda biss, peress li l-Bord għadu ma ltaqax il-materja qed tiġi aġġornata għal-laqgħa li jmiss.

**15/06 KORRISPONDENZA**

**15/06/01** **Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'D 1-4'**

1. Dwar korrispondenza mill-Ministeru tal-Ekonomija, l-Investiment u Small Businesses dwar il-Monti ta' nhar ta' Sibt, il-Kunsill iddeċieda biex iżomm il-pożizzjoni tiegħu li dan il-Monti għandu jiċċaqlaq għal Triq l-Iljun u Triq l-Imdina. Il-Kunsillier Robert Cremona xtaq jirreġistra li huwa ma jaqbilx għaliex se jkun qed joħloq aktar traffiku.

2. Dwar korrispondenza minn Refab Recyclying, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru żewġ bins tar-riċiklaġġ tat-tessuti fi Ġnien Federico Maempel u fi Pjazza Tal-GranMastru, sakemm dawn isiru bi prova fejn f'każ li jiġu abbużati għandhom jitneħħew.

3. Dwar korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, il-Kunsill Lokali ma jaqbilx li l-Kunsill għandu jaċċetta li l-flus allokati għall-Malta Records Festival jiġu mgħoddija għall-attivita' oħra bl-isem ta' Choco Kebab Festival peress li din hija attivita' differenti.

4. Dwar il-korrispondenza mis-Soċjeta Filarmonika Pinto dwar bdil tas-Segretarju tal-istess għaqda, il-Kunsill ħa nota fejn xtaq jirringrazzja lis-Segretarju preċedenti tas-servizz tiegħu filwaqt li jawgura suċċess lis-Segretarju l-ġdid.

**15/07** **INFORMAZZJONI**

**15/07/01** **Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** xtaq jawgura lill-Qormi Hockey Club tas-success li kisbu billi kisbu promozzjoni fl-Euro Championship League. Il-Kunsill għandu jibgħat ittra biex jifraħ lil dan il-klabb ta’ dan is-suċċess.

**15/08** **AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016 fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:55 ta’ filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Rosianne Cutajar | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Minuti approvati llum ____________________________2016.